



BANK ĊENTRALI EWROPEW

EUROSISTEMA

## L-ASPETTATTIVI TAL-EUROSISTEMA DWAR IS-SEPA

### SOMMARJU EŻEKUTTIV

#### Ħafna affarijiet irnaxxew; baqa' ħafna x'isir.

Il-ħolqien ta' Żona Unika ta' Pagamenti f'Euro (SEPA), bl-għan li jiġu eliminati l-barrieri għall-pagamenti f'euro fi ħdan żona li issa fiha 31 pajjiż, miexi 'l quddiem. L-Eurosistema tapprezza l-isforzi li saru u l-għanijiet li ntlaħqu mill-industrija bankarja Ewropea u l-korp tagħha għall-awtoregolazzjoni, il-Kunsill Ewropew għall-Pagamenti (EPC), u tibqa' ssostni bis-sħiħ il-proġett tas-SEPA mill-qrib. Fir-rwol tagħha bħala katalista għat-tibdil, l-Eurosistema qed tissorvelja l-iżviluppi tas-SEPA mill-qrib. Waħda mill-affarijiet li fehmet l-Eurosistema minn mindu ġie introdott it-trasferiment tal-kreditu bis-SEPA (SCT) fit-28 ta' Jannar 2008, hi li s-sempliċi konformità mar-regoli u l-oqfsa tas-SEPA hi meħtieġa, iżda spiss mhix biżżejjed.

Biex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tal-benefiċċji mistennija mis-SEPA, huma meħtieġa azzjonijiet iżjed mifruxa. Għalhekk, **l-Eurosistema żviluppat aspettattivi għall-gruppi differenti li għandhom interess**, orjentament li rriżulta mill-fatt li għadd ta' parteċipanti differenti tas-suq talbu iżjed dettalji ta' gwida dwar is-SEPA mingħand l-Eurosistema tul l-2008 kollha. L-aspettattivi ppubblikati għandhom jipprovdu sostenn għall-komunitajiet bankarji nazzjonali kif ukoll għall-istituzzjonijiet tal-pagament fl-isforzi tagħhom biex jikkomunikaw mal-utenti. Barra dan, l-aspettattivi se jiggwidaw lill-utenti fir-rigward tal-aġġustament tal-attivajiet tagħhom għal dak li għandu x'jaqsam mal-pagamenti u ma' x'jistgħu jistennew mill-bank/istituzzjoni tal-pagament tagħhom.

L-entitajiet li jipprovdu s-servizzi tas-SEPA tipikament joffru servizzi relatati ma' pagamenti lil terzi, li jistgħu jissejġu "utenti tas-SEPA". Tabilħaqq, min għandu interess (p.e. bank) jista', minn banda jkun entità li toffri s-servizzi tas-SEPA u, mill-banda l-oħra jkun utent tas-SEPA

(p.e. meta jħallas lil xi fornitur għat-tagħmir tal-uffiċċju). Għal dak li għandu x'jaqsam ma' dawk li jipprovdu s-servizzi tas-SEPA, l-aspettattivi tal-banek u tal-istituzzjonijiet tal-pagament huma ta' interess speċifiku, minħabba li l-iskemi u l-infrastrutturi tal-kards jiġu ttrattati minn taqsimiet oħra. Hemm ħafna tipi ta' utenti tas-SEPA: ħafna drabi l-Eurosistema ġibdet l-attenzjoni fuq l-importanza tal-kumpaniji (kemm korporazzjonijiet kbar kif ukoll intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs)) u tal-amministrazzjonijiet pubbliċi, billi dawn għandhom sehem qawwi fl-għadd totali ta' transazzjonijiet. Il-banek (kemm banek kummerċjali kif ukoll banek ċentrali) u l-istituzzjonijiet futuri tal-pagament mhux biss jipprovdu iżda wkoll jużaw dawn is-servizzi. Il-kummerċjanti wkoll għandhom rwol importanti fil-proċess tas-SEPA, billi għandhom funzjoni ta' "għassiesa" għall-użu ta' strument speċifiku ta' pagament bis-SEPA fil-post fejn isir il-bejgħ (jiġifieri, pagamenti bil-kards). L-aħħar, iżda mhux l-inqas importanti: il-klijenti li jixtru bl-imnut fl-aħħar mill-aħħar għandhom jibbenefikaw ukoll mis-SEPA, u l-Eurosistema tapprezza jekk huma jadottaw l-istrumenti tal-pagament bis-SEPA b'mod attiv.

L-aspettattivi tal-Eurosistema għandhom jgħarrfu lis-swieq li għall-Eurosistema – ukoll f'dawn iż-żminijiet ta' taqlib – is-SEPA tibqa' prijorità qawwija, u "mini-SEPA" (jiġifieri għal pagamenti trans-konfini biss) mhix riżultat aċċettabbli. Il-kriżi finanzjarja ta' bħalissa qed iġġiegħel dejjem iżjed banek jerġgħu jiffokaw fuq il-kummerċ tagħhom mal-individwi; is-servizzi tal-pagament huma l-qofol ta' dan il-kummerċ mal-individwi. Issa migrazzjoni sħiħa għas-SEPA hi iżjed importanti, billi s-SEPA hi s-sies tan-negożju Ewropew futur għall-pagamenti individwali.

Madankollu, **l-aspettattivi tal-Eurosistema mhumiex maħsuba biex jiġu stabbiliti bħala rekwiżiti formali jew li jkunu jorbtu legalment, la għall-utenti tas-SEPA u lanqas**

### **għal dawk li jipprovdu s-servizzi tas-SEPA.**

Fir-rigward ta' dawk li jipprovdu s-servizzi tas-SEPA, l-għan hu li l-aspettattivi ppubblikati mill-Eurosistema jipprovdu standard. Dawk li jipprovdu s-servizzi huma mistiedna jivvalutaw is-servizz li qed joffru kontra l-kriterji u r-rakkomandazzjonijiet, u dan b'mod regolari u awtonomu, u jipubblikaw ir-riżultati. Madankollu, ta' min jisħaq fuq il-fatt li dawk li jipprovdu s-servizzi tas-SEPA assolutament mhumiex marbutin legalment li jagħmlu dan.

Għall-utenti, dawn l-aspettattivi juru kif il-migrazzjoni għas-SEPA tista' titħeġġeġ attivament, u b'hekk tingħata gwida għall-implimentazzjoni tas-SEPA u, barra dan, tingħata impressjoni ta' x'tista' tfisser għalihom implimentazzjoni tajba tas-SEPA u kif jistgħu jibbenefikaw minnha.

### **Il-messaġġi ewlenin għal dawk li jipprovdu s-servizzi tas-SEPA (jiġifieri banek u istituzzjonijiet tal-pagament) huma kif ġej:**

- 1. L-Eurosistema tistenna li l-banek/l-istituzzjonijiet tal-pagament jiżguraw il-kapaċità operazzjonali tagħhom biex jibagħtu u jirċievu pagamenti bis-SEPA.** Banek/istituzzjonijiet tal-pagament, li joffru servizzi għat-trasferiment tal-kreditu u/jew ta' debitar dirett f'euro, għandhom joffru l-istrumenti rispettivi tas-SEPA wkoll. Għal raġunijiet ta' aċċess, il-BICs (Kodiċi tal-Identità ta' Bank) kollha għandhom jiġu elenkati f'direttorju ta' mill-inqas infrastruttura waħda li hi mifruxa fiż-żona kollha tas-SEPA. Il-proċessi tan-negożju u l-applikazzjonijiet tas-sofwer għandhom jiġu adattati għall-ħtiġijiet tas-SEPA, u għandhom jiġu introdotti standards tas-SEPA għall-komunikazzjoni mal-klijenti. L-aħħar, iżda mhux l-inqas importanti: jekk il-konverżjoni bejn il-formats tas-SEPA u l-formats tradizzjonali tkun disponibbli sa tmieni il-migrazzjoni, għandu jiġi żgurat li ma tintilef ebda dejta.
- 2. Barra dan, l-Eurosistema tistenna li l-banek/l-istituzzjonijiet tal-pagament**

**joffru lill-utenti strumenti tas-SEPA bħall-istrumenti tradizzjonali għall-pagamenti f'euro biex jibagħtu kif ukoll jirċievu pagamenti domestiċi u trans-konfini fi ħdan is-SEPA.** L-użu attiv tal-istrumenti tas-SEPA mill-klijenti jista' jitħeġġeġ billi l-istrumenti tas-SEPA jsiru attraenti għall-klijenti għall-inqas daqs l-istrumenti attwali, u dan billi tingħata informazzjoni lill-klijenti u billi tiġi osservata l-politika tal-Eurosistema dwar is-SEPA.

### **Il-messaġġi ewlenin għall-utenti tas-SEPA huma kif ġej.**

- 1. L-Eurosistema tistenna li l-kumpaniji u l-amministrazzjonijiet pubbliċi: (i) jinkludu referenza għall-kriterji tal-EPC dwar is-SEPA u għall-aspettattivi tal-Eurosistema fit-test tas-sejħiet tagħhom għall-offerti: u (ii) li jużaw ukoll entità li toffri servizzi tal-pagament li tosserva dawn ir-regoli u aspettattivi tas-SEPA.** Barra dan, is-sistemi u d-dejtabejżis interni għandhom jiġu adattati (p.e. l-integrazzjoni tal-IBAN u tal-BIC, kapaċità XML) biex il-proċess kollu jsir bla xkiel mill-bidu sal-aħħar. Għandu jsir provvediment fil-ħin għall-investimenti li probabbilment huma meħtieġa. Barra dan, il-kumpaniji u l-amministrazzjonijiet pubbliċi għandhom isostnu l-adozzjoni ġenerali tal-prodotti tas-SEPA billi jipprovdu lill-klijenti tagħhom bl-IBAN u l-BIC fuq il-kontijiet, u fuq il-formoli onlajn/stampati, minflok id-dettalji tradizzjonali għall-identifikazzjoni tal-kontijiet bankarji.
- 2. L-Eurosistema tistenna li l-banek kummerċjali u l-banek ċentrali kif ukoll l-istituzzjonijiet tal-pagament jagħtu l-eżempju billi jinkludu referenza għall-kriterji tal-EPC dwar is-SEPA u għall-aspettattivi tal-Eurosistema fit-test tas-sejħiet tagħhom għall-offerti.** Għandhom jużaw l-istrumenti tas-SEPA u (jekk ma jagħmlux pagamenti b'mod awtonomu) jagħżlu entità li tipprovi servizz tal-pagamenti li tosserva dawn ir-regolamenti

u aspettattivi tas-SEPA meta tħallas lill-fornituri tagħhom jew meta tħallas is-salarji. Jekk il-kontijiet bankarji rispettivi jkunu fl-istess istituzzjoni, għandu jintuża l-IBAN minflok id-dettalji tradizzjonali għall-identifikazzjoni tal-kontijiet bankarji.

- L-Eurosistema tistenna li meta joffru s-servizz ta' ħlas bil-kards lill-klijenti tagħhom, il-kummerċjanti jqisu jekk l-iskemi tal-kards u l-akkwirenti li magħhom qed jikkuntrattaw isegwux il-qafas tas-SEPA għall-kards u josservawx it-ToR (Termini ta' Referenza) għall-iskemi tal-kards.** Għandhom jittrasferixxu għal terminali li huma ċertifikati mill-EMV u għal sistemi li jużaw l-istandards tas-SEPA (meta dawn ikunu disponibbli) u jħeġġu l-użu ta' skemi tal-kards effiċjenti fil-post fejn isir il-bejgħ. Jekk din id-deċiżjoni tkun kummerċjalment vijabbli, għandhom iqisu l-possibbiltà li jaċċettaw skema(i) Ewropea(j) oħra tal-kards meta din/dawn tkun/ikunu disponibbli.
- L-Eurosistema tistenna li l-migrazzjoni lejn is-SEPA għandha tkun iffaċilitata jekk il-klijenti individwali jsaqsu għall-IBAN tal-kontijiet bankarji u għall-BIC korrispondenti tal-banek tagħhom.** Barra dan, ikun ta' benefiċċju għall-adozzjoni tas-SEPA jekk jużaw il-BIC u l-IBAN biex jagħmlu pagamenti (preferibbilment bl-istrumenti tal-pagament tas-SEPA) kull meta dawn ikunu indikati fuq il-kontijiet. Meta jkunu qed iqisu relazzjoni bankarja ġdida, il-klijenti individwali jistgħu wkoll iqabblu s-servizzi li joffru l-banek ta' pajjiżi oħra tas-SEPA. Meta jsir pagament fil-post fejn isir il-bejgħ, għandhom isiru pagamenti bil-kards minflok b'mezzi inqas effiċjenti ta' pagament (p.e. ċekkijiet), kemm fuq livell domestiku kif ukoll fuq livell tas-SEPA.

## I INTRODUZZJONI

L-Eurosistema tibqa' ssostni bil-qawwa l-ħolqien taż-Żona Unika ta' Pagamenti f'Euro (SEPA), fejn l-individwi u l-kumpaniji jistgħu jagħmlu pagamenti mingħajr kontanti fiż-żona kollha tal-euro minn kont bankarju wieħed li jkun fejn ikun fiż-żona tal-euro, billi jużaw sett uniku ta' strumenti tal-pagament bl-istess faċilità, effiċjenza u sigurtà bħal ma qed jagħmlu llum fuq livell nazzjonali. Jeħtieġ li s-SEPA tersaq lejn suq tal-pagamenti iżjed integrat fl-Ewropa, li jgħib miegħu benefiċċji ekonomiċi sostanzjali għas-soċjetà. Dan hu wkoll pass meħtieġ biex titlesta l-introduzzjoni tal-euro bħala l-munita unika ta' 16-il pajjiż fl-Ewropa. Bħala tali, is-SEPA mhix sempliċement proġett kummerċjali, iżda hi marbuta mill-qrib mal-ambizzjoni politika għal Ewropa iżjed integrata, kompetittiva u innovattiva. Is-SEPA hi għan ewlieni Ewropew, li, fl-ambizzjoni, daqs u kumplessità, tista' titqabbel mal-bidla għall-euro u l-introduzzjoni tal-karti tal-flus u l-muniti tal-euro. Il-proġett tad-disinn u t-twaqqif tas-SEPA hu kkoordinat u mmexxi mill-Kunsill Ewropew għall-Pagamenti (EPC), il-korp għall-awtoregolazzjoni tal-industrija bankarja Ewropea fil-qasam tas-servizzi tal-pagament. Fir-rwol tagħha bħala katalista għat-tibdil, l-Eurosistema qed tissorvelja l-iżviluppi tas-SEPA mill-qrib. Waħda mill-affarijiet li fehmet l-Eurosistema minn mindu ġie introdott it-trasferiment tal-kreditu bis-SEPA (SCT) fit-28 ta' Jannar 2008 hi li s-sempliċi konformità mar-regoli u l-oqfsa tas-SEPA hi meħtieġa, iżda mhix biżżejjed. Biex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tal-benefiċċji mistennija mis-SEPA, huma meħtieġa iżjed azzjonijiet. Għalhekk, l-Eurosistema żviluppat aspettattivi għal gruppi differenti li għandhom interess, orjentament li rriżulta mill-fatt li għadd ta' parteċipanti differenti tas-suq talbu iżjed dettalji ta' gwida dwar is-SEPA mingħand l-Eurosistema tul l-2008 kollha.

Il-fokus ta' dan id-dokument hu s-SEPA kollha, mingħajr ma qed jingħata każ jekk pajjiż ikunx parti miż-żona tal-euro jew le. Madankollu, kif

inhu l-każ tipiku fil-proġett tas-SEPA, il-fokus qiegħed biss fuq il-pagamenti f'euro.

L-aspettattivi tal-Eurosistema għall-dawk li jipprovdu s-servizzi u għall-utenti tas-SEPA għandhom jgħarrfu lis-swieq li għall-Eurosistema – ukoll fi żminijiet ta' taqlib – is-SEPA tibqa' prijorità ewlenija, u "mini-SEPA" (jiġifieri għal pagamenti trans-konfini biss) mhix riżultat aċċettabbli. Il-kriżi finanzjarja ta' bħalissa qed iġġiegħel dejjem iżjed banek jerġgħu jiffokaw fuq il-kummerċ tagħhom mal-individwi; is-servizzi tal-pagament huma l-qofol ta' dan il-kummerċ mal-individwi. Issa migrazzjoni sħiħa għas-SEPA hi iżjed importanti billi s-SEPA hi s-sies tan-negożju Ewropew futur għall-pagamenti. Dawn l-aspettattivi għandhom jiggwidaw lill-parteċipanti tas-suq fil-proċess tal-migrazzjoni.

L-aħħar iżda mhux l-inqas importanti: ta' min jišaq fuq il-fatt li l-Eurosistema la bi ħsieba tagħmel l-aspettattivi tagħha mandatorji u lanqas se tagħmel valutazzjoni formali tat-twertiq tagħhom. Madankollu, l-Eurosistema tapprezza, jekk dawk li għandhom interess iqisu dawn l-aspettattivi fl-attivitajiet tagħhom u jħeġġu, speċjalment lill-banek u lill-istituzzjonijiet tal-pagament, biex jagħmlu awtovalutazzjoni kontra l-aspettattivi attwali.

## 2 PREREKWIŻITI MEQJUSA

Waqt l-iżvilupp ta' dawn l-aspettattivi, l-Eurosistema qieset għadd ta' prerekwiżiti li – għal raġunijiet ta' trasparenza – huma elenkati hawn taħt.

- L-Eurosistema ma għandha ebda ħsieb li tiffirma aspettattivi bħala rekwiżiti li jorbtu, jiġifieri ma jitqiegħdu ebda piżijiet addizzjonali fuq l-utenti u fuq dawk li jipprovdu s-servizzi.
- F'dan l-istadju, l-Eurosistema ma hi se tagħmel ebda valutazzjoni jew stħarriġ formali dwar l-aspettattivi.

- Hu possibbli - iżda ma hemm ebda obbligu – li l-utenti u dawk li jipprovdu s-servizzi, jagħmlu awtovalutazzjoni kontra l-aspettattivi u li jipubblikaw ir-riżultati. Madankollu, l-Eurosistema tapprezza b'mod partikolari jekk il-banek u l-istituzzjonijiet tal-pagament jagħmlu awtovalutazzjoni. (Għalhekk, mudell standard għal awtovalutazzjoni bħal din għe żviluppat mill-Eurosistema u jinsab anness ma' dan id-dokument.)
- Ma hemm ebda obbligu għal dawk li jaħdmu f'dan il-qasam biex joffru l-firxa kollha tal-prodotti tas-SEPA; jistgħu jissodisfaw l-aspettattivi bis-servizzi limitati tagħhom.
- Ma hemm ebda duplikazzjoni tad-dokumentazzjoni eżistenti tal-EPC u tax-xogħol li diġà sar mill-Eurosistema (jiġifieri t-termini ta' referenza għall-infrastrutturi). Madankollu, biex tingħata stampa ġenerali, f'dan id-dokument qed jingħata sommarju tas-sistemi l-oħra tal-Eurosistema.
- **banek u istituzzjonijiet tal-pagament;**
- **skemi tal-kards; u**
- **infrastrutturi** (spiss imsejħa “kmamar tal-ikklerjar awtomatizzati/ACHs”) jew “mekkaniżmi għall-ikklerjar u s-saldu/CSMs”).

Waqt li l-banek u l-istituzzjonijiet tal-pagament normalment joffru servizzi lill-konsumaturi u lill-kumpaniji (Intrapriżi Żgħar u ta' daqs Medju (SMEs), kumpaniji kbar u kummerċjanti), normalment il-klijenti tal-infrastrutturi huma l-banek. Madankollu, din mhix klassifika li tifridhom, billi hemm banek li joffru servizzi ta' kklerjar u saldu kemm lil banek oħra (spiss iżgħar) kif ukoll lil CSMs, li jippermettu lill-kumpaniji aċċessdirettgħas-servizzitagħhom. L-Eurosistema diġà ppubblikat it-termini ta' referenza għall-infrastrutturi, li jinsabu fil-websajt tal-BĊE (<http://www.ecb.int/paym/sepa/components/infrastructures/html/tor.en.html>). Biex tgħin lill-industrija bankarja Ewropea fil-ħolqien ta' SEPA għall-kards, l-Eurosistema żviluppat kriterji ta' konformità tas-SEPA għall-iskemi tal-kards u t-termini ta' referenza relatati. Minħabba dawn iż-żewġ sistemi separati ta' ħidma, l-infrastrutturi u l-iskemi tal-kards mhumiex meqjusa espliċitament f'dan id-dokument.

### 3 TIPI TA' DAWK LI GĦANDHOM INTERESS FIS-SEPA

Dan id-dokument jiddistingwi bejn dawk li jipprovdu s-servizzi tas-SEPA u l-utenti tas-SEPA. Waqt li dawk li jipprovdu s-servizzi tas-SEPA normalment joffru servizzi relatati mal-pagament lil partijiet terzi (p.e. servizzi ta' kklerjar, trasferiment tal-kreditu jew servizzi ta' debitari dirett), l-utenti tas-SEPA huma klijenti ta' entità li toffri s-servizzi tas-SEPA, li jaġixxu f'isimhom stess meta jużaw is-servizzi ta' pagament. Tabilħaqq, min għandu interess (p.e. bank) jista', minn banda jkun entità li toffri s-servizzi tas-SEPA (p.e. meta joffri servizz ta' trasferiment ta' kreditu lill-kumpaniji klijenti tiegħu) u, mill-banda l-oħra, ikun utent tas-SEPA (p.e. meta jħallas lil xi fornitur għat-tagħmir tal-uffiċċju). Dan id-dokument hu maħsub biex iqis dawn il-fatturi speċifiċi.

Jistgħu jiġu identifikati tliet kategoriji ta' entitajiet li jipprovdu s-servizzi tas-SEPA:

Għal dak li għandu x'jaqsam mal-utenti tas-SEPA, ġew identifikati ħames kategoriji:

- **kumpaniji (jiġifieri korporazzjonijiet u SMEs);**
- **awtoritajiet pubbliċi;**
- **banek (jiġifieri banek kummerċjali u banek ċentrali) u istituzzjonijiet tal-pagament;**
- **kummerċjanti; u**
- **klijenti individwali.**

F'okkażjonijiet diversi, l-Eurosistema ġibdet l-attenzjoni fuq l-importanza tal-kumpaniji

(kemm korporazzjonijiet kif ukoll SMEs) u tal-amministrazzjonijiet pubbliċi (ara per eżempju, ir-rapporti tal-progress dwar is-SEPA u d-diversi diskorsi tar-rappreżentanti tal-Eurosistema<sup>1</sup>), għax dawn jikkontribwixxu bil-kbir għall-għadd totali ta' transazzjonijiet fis-sistemi tal-pagament. Għalhekk, huma l-fokus ewlieni tal-aspettattivi tal-Eurosistema dwar is-SEPA, għall-utenti. Madankollu, jixraq li t-tliet tipi li baqa' jiġu meqjusa wkoll. Il-banek (kemm banek kummerċjali kif ukoll banek ċentrali) u l-istituzzjonijiet futuri tal-pagament mhux biss jipprovdu iżda wkoll jużaw dawn is-servizzi. Ovvjament, dawn jistgħu jidħlu mal-ewwel żewġ tipi ta' utenti iżda, minħabba l-importanza simbolika tagħhom, u biex tinħoloq kuxjenza dwarhom, qed jiġu ttrattati bħala tip separat ta' utenti. Il-kummerċjanti wkoll għandhom rwol importanti fil-proċess tas-SEPA. Minħabba li jagħmlu trasferimenti ta' kreditu u/jew debitar dirett, huma ttrattati bħala t-tip ta' utent imsemmi "kumpanija". Minbarra l-proċessi ta' pagament tagħhom tipikament relatati ma' kumpanija, għandhom funzjoni ta' "għassiesa" għall-użu ta' strument speċifiku ta' pagament bis-SEPA fil-post fejn isir il-bejgħ (jiġifieri, pagamenti bil-kards). L-aħħar, iżda mhux l-inqas importanti: il-klijenti individwali fl-aħħar mill-aħħar għandhom jibbenefikaw ukoll mis-SEPA, u l-Eurosistema tapprezza jekk huma jadottaw l-istrumenti tal-pagament tas-SEPA b'mod attiv.

#### 4 VALUTAZZJONI TAT-TWETTIQ ATTWALI TAL-ASPETTATTIVI

L-aspettattivi tal-Eurosistema mhumix maħsuba biex jiġu stabbiliti bħala rekwiżiti formali u ma jorbtux legalment, la għall-utenti tas-SEPA u lanqas għall-dawk li jipprovdu s-servizzi tas-SEPA (jiġifieri banek u istituzzjonijiet tal-pagament). Għal dak li għandu x'jaqsam ma' dawk li jipprovdu s-servizzi tas-SEPA (Banek u istituzzjonijiet tal-pagament), l-għan hu li l-aspettattivi ppubblikati mill-Eurosistema jipprovdu standard biex jiġi żgurati li jistgħu jirreferu għat-twettiq tal-aspettattivi iżjed komprensivi tal-Eurosistema

u mhux biss għas-sempliċi konformità mar-regoli u l-oqfsa rilevanti. L-Eurosistema mhix se tivvaluta jekk dawk li jipprovdu s-servizzi tas-SEPA (jiġifieri banek u istituzzjonijiet tal-pagament) humiex iwettqu dawn l-aspettattivi, iżda dawk li joffru s-servizzi huma mistiedna jivvalutaw is-servizzi li joffru kontra l-kriterji u r-rakkomandazzjonijiet, regolarment u b'mod awtonomu, u li jipubblikaw ir-risultati. Madankollu, ta' min jišhaq fuq il-fatt li dawk li jipprovdu s-servizzi tas-SEPA (jiġifieri banek u istituzzjonijiet tal-pagament) assolutament mhumix marbutin legalment li jagħmlu dan. Billi l-infrastrutturi u l-iskemi tal-kards huma ttrattati fid-dettall f'sistemi oħra ta' ħidma, anness ma' dan id-dokument hemm biss linja gwida għall-awtovalutazzjoni għall-banek u l-istituzzjonijiet tal-pagament.

Mhux mistenni li l-banek u l-istituzzjonijiet tal-pagament li bħalissa mhumix attivi f'tip speċifiku ta' prodott (p.e. debitar dirett), jiġu obbligati joffru t-tip korrispondenti ta' prodott fi ħdan is-SEPA. Għalhekk, l-aspettattivi tas-SEPA huma relatati biss ma' dawk it-tipi ta' prodotti li bank jew istituzzjoni tal-pagament joffru diġà fl-istrumenti tradizzjonali għall-euro. Dawk li jipprovdu s-servizzi huma ħielsa li jagħżlu li ma joffrux xi tip ta' prodott li mhumix qed joffru diġà fl-istrumenti tradizzjonali għall-euro, u minkejja dan, xorta jistgħu jissodisfaw dawn l-aspettattivi.

Ovvjament, ikun ħafna iżjed diffiċli li jiġi vvalutat it-twettiq tal-aspettattivi skond l-utenti (kemm permezz ta' awtovalutazzjoni kif ukoll permezz ta' valutazzjoni minn terzi persuni) milli jkun fil-każ ta' min jipprovdi s-servizzi. Din hi waħda mir-raġunijiet għaliex mhux maħsub li ssir valutazzjoni tat-twettiq tal-aspettattivi tas-SEPA mill-utenti. Madankollu, dawn l-aspettattivi juru lill-utenti kif il-migrazzjoni għas-SEPA tista' titħeġġeġ attivament, u b'hekk l-utenti jingħataw gwida għall-implimentazzjoni tas-SEPA u, barra dan,

5 L-aċċess għar-rapporti u d-diskorsi jinkiseb permezz tal-indirizz <http://www.ecb.int/paym/sepa/html/index.en.html>.



tingħatalhom idea ta' x'tista' tfisser għalihom implimentazzjoni tajba tas-SEPA u kif jistgħu jibbenefikaw minnha. Għalhekk, l-aspettattivi ppubblikati mill-Eurosistema se jipprovdu sostenn lill-komunitajiet bankarji nazzjonali kif ukoll lill-istituzzjonijiet tal-pagament fl-isforzi tagħhom biex jikkomunikaw mal-utenti, u se jipprovdu lill-utenti bi gwida dwar l-aġġustament tal-attivitajiet tagħhom fir-rigward tal-pagamenti.

## 5 RAĠUNIJET GĦAL DAWN L-ASPETTATTIVI

Minħabba l-kriżijiet finanzjarji ta' bħalissa, hemm riskju li s-SEPA tista' tiġi meqjusa bħala kwistjoni ta' ftit importanza. Il-pubblikazzjoni tal-aspettattivi se tirrepeti d-dispożizzjonijiet tal-politika tal-Eurosistema u se tgħin biex thegħeġ ambjent "favorevoli għas-SEPA". Dawk li qed jagħmlu promozzjoni għas-SEPA fil-banek u fil-kumpaniji se jkollhom raġunijiet addizzjonali (u jistgħu wkoll jirċievu riżorsi meħtieġa iżjed faċilment jew għall-inqas ikunu f'pożizzjoni aħjar biex jiddefendu r-riżorsi attwali) jekk jirreferu għall-lista tal-aspettattivi tal-Eurosistema.

Għalkemm il-biċċa l-kbira ta' dawk li jipprovdu s-servizzi diġà kkonfermaw pubblikament li jikkonformaw mal-iskema tas-SEPA (ara, per eżempju, il-lista tal-EPC dwar is-CSMs li jokkonformaw mal-iskema tas-SEPA) jew diġà ffirmaw il-ftehim ta' adeżjoni (ara l-lista tal-EPC li telenka l-banek li ffirmaw il-ftehim ta' adeżjoni għat-trasferiment tal-kreditu bis-SEPA), operazzjonijiet reali wrew li s-sempliċi adeżjoni u/jew konformità mar-regoli tal-EPC spiss mhumiex biżżejjed biex ihegħgu l-adozzjoni sħiħa tas-SEPA, inqas u inqas biex jirbħu parti sostanzjali tal-volum totali tal-pagamenti jew biex jipprovdu gwida ċara ħalli jiġu evitati problemi fl-operazzjonijiet ta' kuljum.

Il-pubblikazzjoni ta' dawn l-aspettattivi u rakkomandazzjonijiet se tfisser lill-parteciċipanti tas-suq x'qed tistenna l-Eurosistema mingħand dawk li jipprovdu s-servizzi u se tikkonferma li dawn l-aspettattivi jmorru lil hinn mis-sempliċi

adeżjoni mar-regoli u l-oqfsa rilevanti. Barra dan, se jfissru lill-parteciċipanti tas-suq kif l-Eurosistema tistenna li l-utenti għandhom ikunu jistgħu jiksbu l-ikbar potenzjal mis-SEPA.

Waħda mill-lezzjonijiet li ħarġu mill-introduzzjoni tas-SCT hi li s-suq ovvjament jeħtieġ, u spiss jitlob, gwida iżjed dettaljata minn dik ta' bħalissa. L-aspettattivi fformulati f'dan id-dokument joffru iżjed dettalji ta' gwida billi jikkomunikaw li, għall-inqas fil-fehma tal-Eurosistema, is-SEPA tmur lil hinn mill-orjentament limitat ta' sempliċi adeżjoni mar-regoli.

Bil-pubblikazzjoni tal-aspettattivi u tarakkomandazzjonijiet, l-Eurosistema qed tipprovdi opportunità għall-dawk li jipprovdu s-servizzi biex jikkomunikaw kemm huma mħejjija għas-SEPA u biex isostnu l-migrazzjoni tal-klijenti tagħhom. "Dawk li qiegħdin fuq quddiem" fit-tħejjija għas-SEPA għandhom l-opportunità li jiddistingwu ruħhom minn oħrajn li għandhom interess iżda huma passivi; l-attivitajiet tagħhom jiġu ppremjati b'din l-opportunità ġdida li jipromwovu s-servizzi tagħhom. B'hekk jistgħu jiddeskrivu ruħhom bħala entitajiet li "qed iwettqu l-aspettattivi tal-Eurosistema għas-SEPA".

## 6 ASPETTATTIVI GĦAL DAWK LI JIPPROVDU S-SERVIZZI (JIĠIFIERI BANEK U ISTITUZZJONIJET GĦALL-PAGAMENT)

Kif issemma qabel, l-infrastrutturi u l-iskemi tal-kards għandhom is-sistemi tagħhom ta' ħidma u għalhekk, ma humiex itrattati f'dan id-dokument.

### 6.1 STATUS QUO FIR-RIGWARD TA' BANEK U ISTITUZZJONIJET TAL-PAGAMENT

Sehem konsiderevoli ta' pagamenti ma jiġix skambjat permezz tal-infrastrutturi, iżda bilateralment. Barra dan, il-banek spiss jaġixxu bħala "kważi infrastrutturi" li jagħtu servizzi lil banek oħrajn. Għalkemm ikunu ffirmaw il-

ftehim ta' adegżjoni, il-banek jiddikjaraw pubblikament li meta joffru servizzi ta' kklerjar huma jistgħu u jixtiequ jagħmlu kwalunkwe tip ta' konverżjoni mitluba (ukoll jekk ikun involut xi telf ta' dejta). Waqt li l-Eurosistema introduċiet it-ToR għall-infrastrutturi (minbarra d-dikjarazzjoni bil-miktub li s-CSMs għamlu lill-EPC<sup>2</sup>), s'issa l-aspettattivi tal-Eurosistema għall-banek ġew ikkomunikati biss kultant f'diskorsi u f'rapporti dwar il-progress. Il-PSD (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Pagament) se tagħti lill-istituzzjonijiet il-possibbiltà li joffru firxa wiesgħa ta' servizzi tal-pagament. Biex jiġi ggarantit ambjent ġust, f'dan id-dokument l-istituzzjonijiet tal-pagament qed jiġu ttrattati bl-istess mod bħall-banek. Dan minħabba li hu maħsub li l-EPC ukoll se tittratta lill-istituzzjonijiet tal-pagament bl-istess mod bħall-banek (p.e. għal dak li għandu x'jaqsam mal-adeżjoni).

## 6.2 L-ASPETTATTIVI TAL-EUROSISTEMA GĦALL-BANEK U L-ISTITUZZJONIJET TAL-PAGAMENT

L-Eurosistema tistenna li l-banek/l-istituzzjonijiet tal-pagament:

### 1. jiżguraw il-kapaċità operazzjonali tagħhom biex jibagħtu u jirċievu pagamenti bis-SEPA billi:

- iżommu mar-regoli tas-SEPA għat-trasferiment tal-kreditu u jipparteċipaw fl-iskema tas-SEPA għat-trasferiment tal-kreditu jekk huma jagħmlu dan in-negozju;
- iżommu mar-regoli tas-SEPA għad-debitar dirett u jipparteċipaw fl-iskema tas-SEPA għad-debitar dirett jekk huma jagħmlu dan in-negozju;<sup>3</sup>
- jelenkaw il-BIC8 jew il-BIC11<sup>4</sup> operattivi kollha użati għas-servizzi tal-pagament għall-inqas f'direttorju wieħed tas-CSM li jipprovdi aċċess sħiħ għas-SEPA;

d) jallinjaw il-proċessi tan-negozju tagħhom u s-softwer affettwat, mad-dispożizzjonijiet tar-regoli rilevanti tal-EPC, u jittestjaw is-soluzzjonijiet b'suċċess u jqegħduhom fl-ambjent attiv;

e) joffru l-użu tal-istandards tas-SEPA fit-taqsimiet kljent-lill-bank u bank-lill-kljent<sup>5</sup> (kif żviluppatti mill-EPC iżda li bħalissa huma rrakomandati biss għal użu volontarju), għall-inqas flimkien mal-istandards tradizzjonali u – jekk ikun utli – jikkoperaw mal-provider tas-softwer tal-kljenti biex jikkontribwixxu għall-migrazzjoni tal-kljenti għall-istrumenti tal-pagament bis-SEPA. Billi l-kljenti individwali mhumiex inklużi f'dawn l-istandards, l-Eurosistema tistenna li dawk li joffru s-servizzi joffru lill-kljenti individwali tagħhom l-istess tip ta' mezz ta' aċċess għall-istrumenti tas-SEPA bħal dawk tal-istrumenti tradizzjonali tal-pagament (p.e. attività bankarja bl-internet). Wara d-data tal-għeluq għall-migrazzjoni, l-istandards tas-SEPA biss se jintużaw fl-iskambju tad-dejta mal-kljenti;

f) joqogħdu lura milli joffru servizzi ta' konverżjoni li jirriżultaw f'telf ta' dejta. Għandu jiġi ggarantit li d-dejta kollha – ukoll jekk din ma tistax tiġi kkonvertita f'format tradizzjonali – tingħata lill-bank li jkun qed jirċievi (minbarra f'każijiet fejn min ikun qed jiġi jitħallas jitlob espliċitament lill-bank li qed jirċievi biex ma jibgħatx l-informazzjoni kollha). Wara d-data tal-għeluq għall-migrazzjoni (meta tkun

6 Ara: [http://www.europeanpaymentscouncil.eu/content.cfm?page=sepa\\_scheme-compliant\\_csms](http://www.europeanpaymentscouncil.eu/content.cfm?page=sepa_scheme-compliant_csms) għall-lista ta' CSMS li ddikjaraw li huma konformi mal-iskema tas-SEPA.

7 Dan ifisser li l-Eurosistema tistenna li bank/istituzzjoni tal-pagament li joffru, per eżempju, soluzzjoni tradizzjonali ta' debitari dirett għall-pagamenti bl-euro, joffru wkoll debitari dirett bis-SEPA (meta dan ikun disponibbli).

8 Il-BIC11 hu meħtieġ biss jekk il-pagamenti indirizzati lill-BIC8 ġeneriku flimkien ma' xi kodiċi tal-fergħa – inklużi "XXX" – ma jistgħux jiġu pproċessati.

9 Hu maħsub li l-istess standards se jiġu rrakomandati għall-komunikazzjoni mal-istituzzjonijiet tal-pagament.



deċiża), l-offerta ta' kwalunkwe servizz ta' konverżjoni fl-ispazju interbankarju għandha tiegħ;

**2. joffru lill-utenti strumenti tas-SEPA li jikkorrispondu ma' strumenti li l-bank/l-istituzzjoni tal-pagament diġà joffru bl-istrumenti tradizzjonali tal-pagamenti bl-euro.<sup>6</sup> L-Eurosistema tistenna li l-istrumenti tas-SEPA jkunu disponibbli biex wieħed jibgħat u jirċievi pagamenti domestiċi u trans-konfini fi ħdan is-SEPA.**

Meta jissodisfaw dawn l-aspettattivi, bank/istituzzjoni tal-pagament ikunu mħejjija operazzjonalment biex jipproċessaw l-istrumenti (rilevanti) tas-SEPA. Jirrendu wkoll dawn l-istrumenti disponibbli għall-użu attiv tal-klijenti tagħhom. Barra dan, l-Eurosistema tirrakkomanda li bank/istituzzjoni tal-pagament:

**a) jirrendu l-istrumenti tas-SEPA attraenti għall-klijenti billi:**

- i) jagħmlu l-istrumenti tal-pagament tas-SEPA l-għażla dejjiema għat-transazzjonijiet domestiċi u trans-konfini fi ħdan is-SEPA u b'hekk jissostitwixxu l-istrumenti tradizzjonali għall-pagamenti bl-euro;
- ii) jagħmlu s-servizzi li huma disponibbli għall-pagamenti tradizzjonali (p.e. attività bankarja bl-internet u l-possibbiltà li wieħed jirreġistra ordnijiet rikorrenti jew permanenti) disponibbli wkoll għall-istrumenti tas-SEPA;
- iii) joffru servizzi li jippermettu lill-klijenti tagħhom jagħmlu pagamenti li jkun fihom l-IBAN biss (jiġifieri mingħajr il-BIC);

- iv) iħabirku biex itejbu l-istrumenti tas-SEPA ħalli jaqdu l-ħtiġijiet u r-rekwiżiti tal-utenti billi jstabilixxu servizzi volontarji addizzjonali (AOSs), isostnu t-trasformazzjoni ta' AOSs komunitarji li rnexxew, għall-AOSs fis-SEPA kollha u jimplimentaw prodotti bbażati fuq l-inizjattiva e-SEPA u oqfsa futuri bħall-“pagamenti onlajn bis-SEPA” u “pagamenti mobbli bis-SEPA” (meta dawn ikunu disponibbli);

**b) jinfurmaw lill-klijenti b'mod attiv dwar is-SEPA billi:**

- i) jiddedikaw lis-SEPA taqsima fil-websajt tal-bank/l-istituzzjoni tal-pagament u jipprovdu tagħrif addizzjonali għall-klijenti;
- ii) ifissru b'mod ċar il-benefiċċji tas-SEPA għad-diversi tipi ta' utenti;
- iii) jagħmlu l-BIC (sakemm dan jibqa' fattur ta' identifikazzjoni meħtieġ fis-SEPA) u l-IBAN faċilment disponibbli għall-klijenti tagħhom (p.e. billi jqegħduh f'post fejn jidher sew fuq ir-rendikont tal-kont bankarju, fl-interface tal-attività bankarja bl-internet u fuq il-kards – sakemm ma jkunx hemm ostakoli legali);

**c) josservaw il-politika tal-Eurosistema dwar is-SEPA billi:**

- i) jużaw infrastruttura (jekk dan ikun rilevanti) li tkun ġiet sottoposta għal awtovalutazzjoni kontra t-ToR li jirrigwardaw l-infrastrutturi, u li tkun ippubblikat ir-riżultati u osservat it-ToR skond din l-awtovalutazzjoni;

<sup>10</sup> L-Eurosistema tistenna mhux biss li strument tal-pagament offrut fil-format tradizzjonali jiġi offrut ukoll fil-format tas-SEPA, iżda wkoll li jiġi ggarantit l-istess livell ta' servizz. Jekk dan mhux possibbli bil-format bażiku tas-SEPA, għandhom jiġu introdotti AOSs skond il-linji gwida tal-EPC.

- ii) joffru servizzi ta' kklerjar u saldu (jekk dan ikun rilevanti) abbażi tal-prinċipji applikabbli mit-ToR li jirrigwardaw l-infrastrutturi.<sup>7</sup>

## 7 ASPETTATTIVI GĦALL-UTENTI

### 7.1 KUMPAJJI U AMMINISTRAZZJONIJET PUBBLIĊI

Abbażi tad-diskussjoni ta' hawn fuq, l-Eurosistema tirrakkomanda lill-utenti l-kbar (bħal kumpaniji u amministrazzjonijiet pubbliċi) li jixtiequ jiksbu trattament iżjed armonizzat tal-pagamenti nazzjonali u trans-konfini li:

1. jinkludu referenza għall-kriterji tal-EPC għas-SEPA u l-aspettattivi tal-Eurosistema<sup>8</sup> fit-test tas-sejthiet tagħhom għall-offerti għal-servizzi li jipproċessaw il-pagamenti;
2. jużaw entità li tipprovdi s-servizzi li tosserva r-regoli u l-aspettattivi tal-EPC u tal-Eurosistema għas-SEPA.<sup>8</sup> Mhux meħtieġ li din l-entità tkun qiegħda fl-istess pajjiż. L-Eurosistema tistenna li l-utenti jikkonsultaw lil din l-entità magħżula għall-provvediment tas-servizzi tas-SEPA u l-provider tas-softwer tal-utent (kummerċjali) dwar kif jistgħu jitħejjew teknikament għas-SEPA u kif jistgħu jibbenefikaw mis-SEPA;
3. jagħmlu l-bidliet u ż-żidiet meħtieġa fis-sistemi u dejtabejżis tagħhom (p.e. billi jaġġornaw il-kodiċijiet u n-numri tal-kontijiet bankarji għall-BICs u l-IBANs), is-softwer ERP tagħhom u l-proċessi li jsostnuh (p.e. taqbil, maniġġ tal-flus kontanti) biex ikunu jistgħu jibdedu u jipproċessaw it-trasferimenti tal-kreditu bis-SEPA;
4. jagħmlu l-bidliet meħtieġa għad-debitar dirett bis-SEPA (meta dan ikun disponibbli), per eżempju għal dak li għandu x'jaqsam mal-maniġġ tal-mandati jew – jekk il-leġiżlatur ma jkunx sab soluzzjoni għal dan

fit-traspożizzjoni tal-PSD – il-migrazzjoni tal-mandati tradizzjonali;

5. jisfruttaw il-benefiċċji potenzjali tal-użu tal-istandards XML fl-ispazju klijent-lill-bank u bank-lill-klijent, inklużi l-istandards għar-rappurtaġġ u t-taqbil (jekk u meta dawn ikunu disponibbli) – dawn il-benefiċċji jistgħu jinkludu l-użu ta' informazzjoni strutturata dwar il-pagament u iżjed flessibilità biex jibdlu r-relazzjonijiet bankarji;
6. iqisu l-ippjanar tal-investment meħtieġ biex jinkluduh fil-perijodu tal-baġit li jkun imiss;
7. isostnu l-adozzjoni ġenerali tal-prodotti tas-SEPA billi:
  - a) jistampaw l-IBAN u l-BIC fuq il-kontijiet kollha (mhux biss fuq il-kontijiet trans-konfini bħal ma hu mitlub bħalissa bir-Regolament KE 2560/2001) f'post fejn jidher iżjed faċilment mid-dettalji tradizzjonali ta' identifikazzjoni biex b'hekk isostnu aktar l-adozzjoni tas-SEPA. Barra dan, il-kumitati nazzjonali għall-migrazzjoni tas-SEPA jistgħu jiddiskutu u jaqblu dwar l-orjentament għall-istampar tad-dettalji tal-identifikazzjoni tas-SEPA biss;
  - b) jagħmluhom faċilment aċċessibbli fil-websajts tagħhom, jekk fuq il-websajts tagħhom diġà ppubblikaw id-dettalji tradizzjonali tal-identifikazzjoni;

11 Naturalment, jista' jkun li għadd limitat biss tal-prinċipji tat-ToR għall-infrastrutturi jkunu rilevanti għall-banek u l-istituzzjonijiet tal-pagament li joffru servizzi ta' kklerjar u saldu. Skond l-Eurosistema, dawn huma: Kriterju 1 (mistoqsijiet 6.a, 7, 8 u 8a), Kriterju 3 (mistoqsijiet 11a-e) u Kriterju 4 (mistoqsijiet 15 u 15a, fejn il-kelma "parteċipanti" għandha tinqara bħala "istituzzjonijiet finanzjarji li jinqded b'dawn is-servizzi"). ToR għall-infrastrutturi: <http://www.ecb.int/paym/sepa/components/infrastructures/html/tor.en.html>.

12 Dawn l-aspettattivi jirreferu għall-konformità bażika bbażata fuq id-dokumentazzjoni tal-EPC u, ukoll, it-tweqqiq tal-aspettattivi għal dawk li jipprovdu s-servizzi tas-SEPA, kif iffornati mill-Eurosistema f'dan id-dokument.

- c) isaqsu dwar u jużaw l-IBAN u l-BIC għax-xiri tagħhom;
- d) ma jagħmlux restrizzjonijiet fuq il-post fejn, fi ħdan is-SEPA, għandu jkun jinsab il-bank ta' min ikun qed iħallas (p.e. debitur fil-każ ta' debitar dirett; p.e. għall-pagamenti tas-salarji għall-impjegati);
- e) iwittu t-triq biex min iħallas juża l-istrumenti tas-SEPA, p.e. bl-użu tal-IBAN u l-BIC minflok id-dettalji tradizzjonali tal-identifikazzjoni, jekk jiġu pprovduti formoli onlajn u tal-karta għall-klijenti.

l-banek u l-istituzzjonijiet tal-pagament jitolbu attivament id-dettalji meħtieġa tal-identifikazzjoni tas-SEPA mingħand il-fornituri tagħhom;

- b) iħallsu s-salarji. L-Eurosistema tistenna li l-impjegati jipprovdu l-IBAN u l-BIC tagħhom;
- 3. jużaw l-IBANs minflok in-numri tal-kontijiet bankarji, jekk il-pagamenti msemmija fin-nru. 2.a u 2.b isiru internament, jiġifieri pagamenti ħerġin mill-istess bank ("on-us payments").

## 7.2 BANEK KUMMERĊJALI U BANEK ĊENTRALI, KIF UKOLL ISTITUZZJONIJET TAL-PAGAMENT

Il-banek u l-istituzzjonijiet futuri tal-pagament għandhom rwol kruċjali fil-proċess tas-SEPA. Mhux biss jikkontribwixxu għall-proċess li jstabbilixxi l-politika, iżda wkoll jipprovdu l-istrumenti tal-pagament tas-SEPA li jirriżultaw minn dan il-proċess. Billi huma jistennew li utenti oħra jadottaw l-istrumenti tal-pagament tas-SEPA, l-Eurosistema tistenna li huma jagħtu eżempju tajjeb biex ikunu konsistenti. Għalhekk, il-banek għandhom:

1. jinkludu referenza għall-kriterji tal-EPC għas-SEPA u l-aspettattivi tal-Eurosistema<sup>9</sup> fit-test tas-sejħiet tagħhom għall-offerti għall-ipproċessar tal-pagamenti;
2. jużaw l-istrumenti tal-pagament tas-SEPA (minflok l-istrumenti tradizzjonali tal-pagament bl-euro<sup>10</sup>) u jużaw entità li tipprovdi s-servizzi (jiġifieri għall-pagamenti li mhumiex pagamenti ħerġin mill-istess bank, "on us"), u li tosserva r-regoli u l-aspettattivi tal-EPC u tal-Eurosistema għas-SEPA, u li mhux bilfors tinsab fl-istess pajjiż biex:
  - a) iħallsu lill-fornituri tagħhom. Jekk mhux disponibbli, l-Eurosistema tistenna li

## 7.3 KUMMERĊJANTI

Minbarra l-pagamenti karatteristiċi relatati ma' kumpanija, normalment il-kummerċjanti jkollhom relazzjoni kuntrattwali mal-akkwirenti tal-kards u joffru lill-klijenti tagħhom skema jew skemi tal-kards biex jagħmlu l-pagamenti. Meta jagħmlu dan, l-Eurosistema tistenna li l-kummerċjanti iqisu l-possibbiltà li:

1. jaċċettaw kards offruti minn skemi tal-kards li josservaw it-ToR għall-iskemi tal-kards u li jsegwu l-qafas tas-SEPA għall-kards<sup>11</sup>;
2. jagħmlu kuntratti mal-akkwirenti li jkunu allinjaw in-negozju tal-kards tagħhom mad-dispożizzjonijiet tat-ToR tal-Eurosistema għall-iskemi tal-kards (meta dawn ikunu disponibbli);
3. jagħmlu l-migrazzjoni għal terminals iċċertifikati mill-EMV u għal sistemi li jużaw l-istandards tas-SEPA (meta dawn ikunu disponibbli);

<sup>13</sup> Din l-aspettattiva għandha tirreferi għall-konformità bażika abbażi tad-dokumentazzjoni tal-EPC u, ukoll, it-tweġiq tal-aspettattivi għal dawk li jipprovdu s-servizzi tas-SEPA, kif ifformulati mill-Eurosistema f'dan id-dokument.

<sup>14</sup> Transazzjonijiet mhux denominati f'euro mhumiex affettwati minn dawn l-aspettattivi.

<sup>15</sup> Għal eżenzjonijiet li jistgħu jsiru fir-rigward ta' skemi tal-kards bejn tliet partijiet, ara s-sitt rapport tal-progress dwar is-SEPA (Taqsim 2.3).

4. jaċċettaw skema(i) ta' kards (Ewropea(j)) addizzjonali meta dawn ikunu disponibbli (jekk din id-deċiżjoni tkun kummerċjalment vijabbli);
5. iħeġġu l-użu ta' skemi tal-kards effiċjenti fil-postijiet fejn isir il-bejgħ jew għall-inqas ma jiskoraġġux l-użu tagħhom meta mqabbla mal-flus kontanti (p.e. billi joffru roħs esklussivament lil min iħallas bil-flus kontanti).
4. j/tagħmel pagamenti bil-kard fil-post fejn isir il-bejgħ, minflok b'mezzi inqas effiċjenti ta' pagament (p.e. ċekkijiet), kemm fuq livell domestiku kif ukoll fuq livell tas-SEPA;
5. i/tqabbel is-servizzi li joffru l-banek tad-diversi pajjiżi tas-SEPA, meta j/tkun qed j/tistabilixxi relazzjoni bankarja ġdida.

#### 7.4 KLIENTI INDIVIDWALI (KONSUMATORI)

Kulħadd jaf li l-klijenti individwali x'aktarx li ma jitolbux attivament l-istrumenti tal-pagament tas-SEPA, billi l-benefiċċji mhumiex tant ċari għalihom. Madankollu, il-klijenti individwali jintlaqtu wkoll meta l-istrumenti tradizzjonali ma jibqgħux jintużaw. Il-formulazzjoni ta' aspettattivi għall-klijenti individwali tista' faċilment tiftiehem ħażin bħala piż addizzjonali fuq il-konsumatur. Dan, flimkien mal-fatt li l-konsumaturi ftit ikunu jridu jibdlu l-imġieba tagħhom fir-rigward tal-pagamenti, jista' faċilment jikkontribwixxi għal atteġġament negattiv fil-konfront tas-SEPA. Għalhekk, ta' min jisħaq fuq il-fatt li l-miżuri elenkati f'din it-taqsimha mhumiex azzjonijiet li l-Eurosistema "tistenna" minn kull konsumatur; pjuttost, l-Eurosistema "tistenna" li l-migrazzjoni għas-SEPA tiġi ffaċilitata jekk għadd kbir ta' konsumaturi jieħdu dawn il-passi.

Klijent/a individwali j/tista':

1. jinforma ruħu/tinforma ruħha dwar l-IBAN tal-kont bankarju tiegħu/tagħha u l-BIC korrispondenti tal-bank tiegħu/tagħha;
2. j/tuża l-IBAN u l-BIC (jekk dan tal-aħħar jintalab) minflok id-dettalji nazzjonali tal-identifikazzjoni kull meta jkunu indikati fuq il-kont;
3. j/tuża t-trasferiment tal-kreditu bis-SEPA u d-debitar dirett bis-SEPA (meta dawn ikunu disponibbli) minflok il-prodotti tradizzjonali korrispondenti;

#### 8 KONKLUŻJONI

Bil-pubblikazzjoni ta' dawn l-aspettattivi, l-Eurosistema tixtieq issaħħaħ l-impenn tagħha favur is-SEPA u l-ħtieġa – biex dan kollu jirnexxi daqs proġetti kbar oħra Ewropej (p.e. il-bidla tal-flus għall-euro) – is-SEPA għandha tiġi appoġġata mhux biss mill-industrija bankarja, iżda wkoll minn dawk kollha li għandhom interess, li huma parti mill-katina tal-valur tal-pagamenti. Madankollu, il-komunità bankarja ilha fuq quddiem mill-bidu tal-proġett, u se tibqa'. Għalhekk, f'dan id-dokument u fil-mudell standard anness, l-Eurosistema tat attenzjoni speċifika lil dan il-grupp partikolari fost dawk li għandhom interess.

Fil-mixja 'il quddiem lejn SEPA żviluppata sew, minn żmien għal żmien il-validità tal-aspettattivi fformulati f'dan id-dokument se tiġi eżaminata mill-Eurosistema, u jekk ikun meħtieġ l-aspettattivi jiġu aġġornati. Għalhekk, l-Eurosistema tilqa' kwalunkwe kumment dwar dawn l-aspettattivi minn kwalunkwe tip ta' persuna/entità li għandha interess.

# ANNES

## L-ASPETTATTIVI TAL-EUROSISTEMA GĦAL DAWK LI JIPPROVDU S-SERVIZZI TAS-SEPA

## MUDELL STANDARD GĦAL AWTOVALUTAZZJONI, GĦALL-BANEK U L-ISTITUZZJONIJIET TAL-PAGAMENT

[isem tal-bank jew tal-istituzzjoni tal-pagament]

### INFORMAZZJONI ĠENERALI

L-aspettattivi tal-Eurosistema mhumiex rekwiżiti formali jew li jorbtu legalment lil min jipprovdi s-servizzi tas-SEPA (jiġifieri bank jew istituzzjoni tal-pagament). Pjuttost, l-għan hu li l-aspettattivi ppubblikati mill-Eurosistema jipprovdu standard biex jiġi żgurat li dawk li jipprovdu s-servizzi jkunu jistgħu jissoddisfaw l-aspettattivi iżjed komprensivi tal-Eurosistema u mhux biss l-adeżjoni mar-regoli u l-oqfsa rilevanti. L-Eurosistema mhix se tivvaluta jekk dawk li jipprovdu s-servizzi tas-SEPA humiex jissoddisfaw dawn l-aspettattivi, iżda dawk li joffru s-servizzi huma mistiedna (mhumix meħtieġa legalment) jivvalutaw l-operazzjonijiet tagħhom kontra l-kriterji u r-rakkomandazzjonijiet, regolament u li jippubblikaw ir-riżultati.

Mhux mistenni li l-banek u l-istituzzjonijiet tal-pagament li bħalissa mhumiex attivi f'xi tip speċifiku ta' prodott, ikollhom joffru t-tip korrispondenti ta' prodott fi ħdan is-SEPA. Għalhekk, l-aspettattivi tas-SEPA huma relatati biss ma' prodotti li bank jew istituzzjoni tal-pagament joffru diġà fl-istrumenti tradizzjonali għall-euro. Dawk li jipprovdu s-servizzi huma ħielsa li jagħżlu li ma joffrux xi tip ta' prodott li mhumiex qed joffru diġà fl-istrumenti tradizzjonali għall-euro, u minkejja dan, xorta jistgħu jissoddisfaw l-aspettattivi.

## AWTOVALUTAZZJONI

[isem tal-bank jew tal-istituzzjoni tal-pagament]

### 1. jiżgura l-kapaċità operazzjonali tiegħu biex jibgħat u jirċievi pagamenti bis-SEPA billi:

- a) iżomm mar-regoli tas-SEPA dwar it-trasferiment tal-kreditu u jipparteċipa fl-iskema tas-SEPA għat-trasferiment tal-kreditu (applikabbli biss jekk isir dan it-tip ta' negożju);<sup>12</sup>

IVA  LE

Kummenti:

- b) iżomm mar-regoli tas-SEPA dwar id-debitar dirett u jipparteċipa fl-iskema tas-SEPA għad-debitar dirett (applikabbli biss jekk isir dan it-tip ta' negożju);<sup>13</sup>

IVA  LE

Kummenti:

<sup>12</sup> Dan ifisser li l-Eurosistema tistenna li bank/istituzzjoni tal-pagament li joffru, per eżempju, soluzzjoni tradizzjonali ta' trasferiment tal-kreditu għall-pagamenti bl-euro, joffru wkoll trasferimenti tal-kreditu bis-SEPA.

<sup>13</sup> Dan ifisser li l-Eurosistema tistenna li bank/istituzzjoni tal-pagament li joffru, per eżempju, soluzzjoni tradizzjonali ta' debitari dirett għall-pagamenti bl-euro, joffru wkoll debitari dirett bis-SEPA (meta dan ikun disponibbli).

- c) jelenka il-BIC8 jew il-BIC11<sup>14</sup> użati għas-servizzi tal-pagament għall-inqas f'direttorju wieħed tas-CSM li jipprovdi aċċess sħiħ għas-SEPA;

IVA  LE

Kummenti:

IVA  LE

Kummenti:

- d) jallinja l-proċessi tan-negozju u s-software affettwat mad-dispożizzjonijiet tar-regoli rilevanti tal-EPC, u jittestja s-soluzzjonijiet b'suċċess u jintroduċihom fl-ambjent attiv;

IVA  LE

Kummenti:

- f) ma joffrix servizzi ta' konverżjoni li jirriżultaw f'telf ta' dejta. Lil min ikun qed jitħallas tiġi pprovduta d-dejta kollha, minbarra f'każijiet fejn min ikun qed jitħallas jitlob espliċitament li ma tintbagħatx l-informazzjoni kollha. Wara d-data tal-għeluq għall-migrazzjoni tas-SEPA (meta tkun deċiża), l-offerta ta' kwalunkwe servizz ta' konverżjoni fl-isparju interbankarju se tieqaf;

IVA  LE

Kummenti:

- e) joffri l-użu tal-istandards tas-SEPA fit-taqsimiet klijent-lill-bank u bank-lill-klijent<sup>15</sup> (kif żviluppata mill-EPC iżda li bħalissa huma rrakomandati biss għal użu volontarju), għall-inqas flimkien mal-istandards tradizzjonali u – jekk ikun utli – jikkoopera mal-providers tas-software tal-klijenti biex jikkontribwixxi għall-migrazzjoni tal-klijenti għall-istrumenti tal-pagament tas-SEPA;

## 2. joffri lill-utenti strumenti tas-SEPA li jkkorrispondu mal-istrumenti offruti diġà bħala strumenti tradizzjonali tal-pagament bl-euro.<sup>16</sup> L-istrumenti tas-SEPA huma disponibbli biex wieħed jibgħat u jirċievi pagamenti domestiċi u trans-konfini fi ħdan is-SEPA.

18 Il-BIC11 hu meħtieġ biss jekk il-pagamenti indirizzati lill-BIC8 ġeneriku flimkien ma' kwalunkwe kodiċi tal-fergħa – inklużi XXX – ma jistgħux jiġu pproċessati.

19 Hu maħsub li l-istess standards se jiġu rrakkomandati għall-komunikazzjoni mal-istituzzjonijiet tal-pagament.

20 L-Eurosistema tistenna mhux biss li strument tal-pagament offrut fil-format tradizzjonali jiġi offrut ukoll fil-format tas-SEPA, iżda wkoll li jiġi ggarantit l-istess livell ta' servizz. Jekk dan mhux possibbli bil-format bażiku tas-SEPA, għandhom jiġu introdotti AOSs skond il-linji gwida tal-EPC.



Meta nissodisfaw dawn l-aspettattivi, aħna nkunu mħejjija operazzjonalment biex nipproċessaw l-istrumenti (rilevanti) tas-SEPA. Nirrendu wkoll dawn l-istrumenti disponibbli għall-użu attiv tal-klijenti tagħna.

IVA  LE

Kummenti:

Barra dan, nosservaw ir-rakkomandazzjonijiet tal-Eurosistema li bank/istituzzjoni tal-pagament għandhom:

a) jirrendu l-istrumenti tas-SEPA attraenti għall-klijenti billi:

i) jagħmlu l-istrumenti tal-pagament tas-SEPA l-għażla dejjiema għat-transazzjonijiet domestiċi u trans-konfini fi ħdan is-SEPA u b'hekk jissostitwixxu l-istrumenti tradizzjonali għall-pagamenti bl-euro;

IVA  LE

ii) jagħmlu s-servizzi li huma disponibbli għall-pagamenti tradizzjonali (p.e. attività bankarja bl-internet u l-possibbiltà li wieħed jirreġistra ordnijiet rikorrenti u permanenti) disponibbli wkoll għall-istrumenti tas-SEPA;

IVA  LE

Kummenti:

iii) joffru servizzi li jippermettu lill-klijenti jagħmlu pagamenti li jkun fihom l-IBAN biss (jiġifieri mingħajr il-BIC);

IVA  LE

Kummenti:

iv) iħabirku biex itejbu l-istrumenti tas-SEPA ħalli jaqdu l-ħtiġijiet u r-rekwiżiti tal-utenti billi jstabilixxu AOSs, isostnu t-trasformazzjoni ta' AOSs komunitarji li rnextaw, għall-AOSs fis-SEPA kollha u jimplimentaw prodotti bbażati fuq l-inizjattiva e-SEPA u oqfsa futuri bħall-“pagamenti onlajn bis-SEPA” u “pagamenti mobbli bis-SEPA” (meta dawn ikunu disponibbli);

IVA  LE

Kummenti:

b) jgħarrfu lill-klijenti b'mod attiv dwar is-SEPA billi:

IVA  LE

Kummenti:

i) jiddedikaw lis-SEPA taqsima fil-websajt tal-bank/istituzzjoni tal-pagament u jipprovdu tagħrif addizzjonali lill-klijenti;

IVA  LE

Kummenti:

c) Josservaw il-politika tal-Eurosistema dwar is-SEPA billi:

i) jużaw infrastruttura (jekk dan ikun rilevanti) li tkun ġiet sottoposta għal awtovalutazzjoni kontra t-ToR li jirrigwardaw l-infrastrutturi, li tkun ippubblikat ir-riżultati u li tkun osservat it-ToR skond din l-awtovalutazzjoni;

ii) ifissru b'mod ċar il-benefiċċji tas-SEPA għad-diversi tipi ta' utenti;

IVA  LE

Kummenti:

IVA  LE

Kummenti:

iii) jagħmlu l-BIC (sakemm dan ikun fattur ta' identifikazzjoni meħtieġ fis-SEPA) u l-IBAN faċilment disponibbli għall-klijenti tagħhom (p.e. billi jqiegħduhom f'post fejn jidhru sew fuq ir-rendikont tal-kont bankarju, fl-interface tal-attività bankarja bl-internet u fuq il-kards – sakemm ma jkunx hemm ostakoli legali);

ii) joffru servizzi ta' kklerjar u saldu (jekk dan ikun rilevanti) abbażi tal-prinċipji applikabbli mit-ToR li jirrigwardaw l-infrastrutturi.

IVA  LE

Kummenti:

Dettagli tal-persuna li tista' tiġi kkuntattjata f'każ ta' mistoqsijiet:

## TAQŠIR

SEPA	Żona Unika Ewropea ta' Pagamenti
SCT	trasferiment ta' kreditu bis-SEPA
SDD	debitar dirett bis-SEPA
CSM	mekkaniżmu għall-ikklerjar u s-saldu
IBAN	Numru Internazzjonali ta' Kont Bankarju
BIC	Kodiċi tal-Identità ta' Bank
AOS	servizzi volontarji addizzjonali

© Bank Ċentrali Ewropew, 2008

Indirizz: Kaiserstrasse 29, 60311 Frankfurt am Main, Ġermanja

Indirizz postali: Postfach 16 03 19, 60066 Frankfurt am Main, Germany

Telefon: +49 69 1344 0; Website: <http://www.ecb.europa.eu>; Fax: +49 69 1344 6000

Il-jeddijiet kollha miżmuma. Ir-riproduzzjoni għal għanijiet edukattivi u mhux kummerċjali hi permessa bil-patt li jiġi rikonoxxut is-sors.

ISBN 978-92-899-0434-6 (onlajn)